3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità li allegatament hija vvizzjata bih id-deċiżjoni kkontestata, sa fejn, minn naħa, tikser il-prinċipju ġenerali ta’ proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, min-naħa l-oħra, ma tosservax ir-rekwiżiti speċifiċi marbuta mal-prinċipju ta’ proporzjonalità fil-qasam ta’ superviżjoni prudenzjali, li jeżiġi li r-rekwiżiti prudenzjali jkunu adattati għall-mudell ta’ intrapriża tal-bank u għar-riskji li jkunu assoċjati miegħu fir-rigward tas-settur finanzjarju u fir-rigward tal-ekonomija.

---

**Rikors ippreżentat fl-4 ta’ Novembru 2016 – Basil vs EUIPO – Artex (Fahrradkörbe)**

**(Kawża T-760/16)**

(2017/C 006/57)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Basil BV (Silvolde, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: N. Weber u J. von der Thüsen, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Artex SpA (Zeno di Cassola, l-Italja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tad-disinn kontenzjuż:* ir-rikorrent

*Disinn kontenzjuż ikkonċernat:* disinn tal-Unjoni Nru 142 245-0001

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta’ Lulju 2016 fil-Każ R 535/2015-3

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO u, jekk ikun xieraq, lill-parti l-oħra għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 52(3) tar-Regolament Nru 6/2002;

— Ksur tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 6/2002, ksur tal-prinċipju tal-oneru tal-prova u ksur tal-prinċipju ta’ raġunament loġiku fil-kuntest tal-eżami tal-provi;

— Ksur tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 6/2002.

---

**Rikors ippreżentat fil-31 ta’ Ottubru 2016 – PY vs EUCAP Saher Niger**

**(Kawża T-763/16)**

(2017/C 006/58)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* PY (Souffelweyersheim, Franza) (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Tymen, avukati)

*Konvenuta:* EUCAP Sahel Niger (Niamey, in-Niġer)